MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 369/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Alfred Zammit (ID 759040 M**)

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ erba’ mija, tlieta u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmi (€453.83) gja` Lm194.83 rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21252576 gja` 234645 skond kif jirrizulta mid- dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2008 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------